MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 223/2002/1

**Rik Nru: 223/02 JA.**

**Carmelo sive Lino, Mariella, Sandro, Angele u Joseph ilkoll ahwa Farrugia.**

**-vs-**

**Registratur tal-Qorti u b' digriet tas-7 ta' Mejju, 2002, Charles Calleja u Louis Calleja intervenew fil-kawza in statu et terminis.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikorsipprezentat fis-26 ta' Frar, 2002 li permezz tieghu l- atturi ppremettew:

Illi huma talbu l-hrug ta’ taxxa in konnessjoni mac-citazzjoni numru 2523/97 fl-ismijiet Carmelo Farrugia et –vs- Charles Calleja et deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-21 mta’ Frar 2001 skond kopja legali tas-sentenza relattiva hawn annessa u mmarkata Dok “A”;

Illi din it-taxxa giet mahruga fit-22 ta’ Frar, 2002 skond kopja hawn annessa u mmarkata Dok “B”;

Illi fil-kolonna intestata “konvenut” hemm elenkat “dritt Avukat sentenza” fl-ammont ta’ tlett elef, tlett mija hamsa u hamsin liri Maltin (Lm3,355);

Illi din is-somma m’ ghandhiex tigi inkluza fl-ispejjez tal-kawza stanti l-fatt li l-konvenuti kienu sfaw kontumacja u qatt ma’ pprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet.  Ghalhekk id-dritt ta’ l-Avukat taghhom m’ ghandux jifforma parti mill-ispejjez tal-kawza;

Illi r-rikorrenti ghandhom interess li din it-taxxa hawn fuq riferita tigi korretta, stanti l-fatt li l-ispejjez tal-kawza, skond l-istess sentenza, kellhom jitqassmu “skond il-kwoti rispettivi tal-kontendenti” u ghalhekk jekk jitnaqqas l-ammont hawn fuq riferit ta' Lm3355, jitnaqqsu ukoll b”mod sostanzjali l-kwoti ta’ l-ispejjez li jridu jhlassu huma.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tordna lil intimat Registratur tal-Qorti jikkoregi t-taxxa ufficjali mahruga fit-22 ta’ Frar, 2002 in konnessjoni mad-drittijiet u l-ispejjez tac-citazzjoni numru 2523/97 RCP fl-ismijiet Carmelo Farrugia et –vs-Charles Calleja et deciza fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Frar, 2001 hawn annessa u mmarkata Dok “B”, billi jikkancella u jnehhi l-ammont ta’ Lm3355 hawn fuq riferit mill-kolonna intestata “konvenuti” rapprezentanti “Dritt Avukat sentenza” u

dan peress illi l-konvenuti kienu sfaw kontumacja billi qatt ma pprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet li tat lok ghal tali dritt, filwaqt li tiddikjara li tali ammont gie inserit erronjament u minghajr ebda bazi fil-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qorti pprezentata fl-24 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha ecepixxa:

Illi l-kontumacja mhix nuqqas ta’ kontestazzjoni u li d-dritt ghal assistenza legali jissussisti ‘il hinn mill-prezentata o meno tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet.  Tant li l-legali tal-konvenuti jiffigura fis-sentenza in kwistjoni.

Se mai d-dritt kellu jkun wiwhed dovut mill-kontendenti skond Skeda A, Tariffa E, paragrafu 16 tal-Kap. 12.

Fi kwalunkwe kaz l-esponenti joqghod ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti u m’ ghandux ibati spejjez.

Rat li l-intervernuti fil-kawza aderexxew ruhhom mir-risposta ta’ l-intimat Registratur tal-Qorti fis-seduta tat-12 ta’ Gunju, 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-atti din il-Qorti trid tiddeciedi jekk meta parti f’ kawza tkun kontumaci izda tkun assistita f’ xi hin minn Avukat ghandhux jigi ntaxxat id-dritt tal-istess Avukat.  Dan ghaliex fit-taxxa li qed tigi attakkata gie intaxxat id-dritt tal-Avukat tal-konvenuti anke jekk jidher car illi l-konvenuti f’ dik il-kawza kienu kontumaci.

Hu minnu li kif argumentaw l-intervenuti fil-kawza, illi t-tariffa ufficjali tindika biss id-dritt tal-Avukat ***ghal kull*** sentenza definittiva.  Wara, l-istess tariffa tindika kif jigi intaxxat id-dritt tal-Avukat meta l-kawza tigi ceduta qabel tigi deciza.  Imkien ma tghid car u tond li d-dritt ikun dovut biss jekk tigi prezentata n-nota tal-eccezzjonijiet. Madankollu meta jigi tenut kont ta' kollox din l-Qorti thoss li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi akkolta ghal zewg ragunijiet.

L-ewwelnett una volta d-dritt tal-Avukat tal-attur bil-fors jigi dovut ghaliex tkun giet prezentata c-citazzjoni, daqstant iehor dak tal-konvenut ghandhu jigi akkwisit meta jigu presentati l-eccezzjonijiet.  Barra minn dan, il-mens legis hu car hafna u johrog mill-paragrafu 33 tat-tariffa E.  Dan il-paragrafu jghid li meta l-Avukat tal-attur jigi mibdul mill-klijent tieghu wara li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet ikollu dritt ghal terz tad-dritt finali – indikazzjoni cara li d-dritt jigi akkwisit mal-prezentata ta' l-istess nota.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat jikkoregi t-taxxa ufficjali billi jigi kkancellat l-ammont ta' Lm3,355 u sostitwit bl-ammont ta' Lm40 (billi fil-fatt giet prezentata nota fil-mori tal-Kawza);  L-ispejjez ta' din il-vertenza jigu sapportati mill-intimat barra dawk tal-intervenuti fil-kawza li jigu sapportati minnhom stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------